MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1847/1997/1

Formosa & Camilleri bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardina Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited
Vs
Seamalta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Awissu 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fit-13 ta' Awissu 1996 is-socjeta' Michael Attard Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Sengleakonsenja ta' 34 vettura Peugeot; illi din il-konsenja giet kkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok A; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindennizza lill-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat; illi l-attur jikkwantifika d-danni fil-merkanzija de qua, fl-ammont ta' hames mija disgha u

ghoxrin lira u hmistax-il centezimu (LM529.15) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u tlettin lira (LM36) bhala survey fee u ghalhekk id-danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija hamsa u sittin lira u hmistax-il centezimu (LM565.15); illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM565.15;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' LM565.15 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling CoLtd tal-20 ta' Mejju 1998 li peremzz taghha eccepiet:-

1. Illi fil-konfront tas-socjeta' t-talbiet huma infondati billi l-merkanzija giet sbarkata bil-hsarat u nuqqasijiet;
2. Illi ghandha tigi ezebita l-polza ta' assikurazzjoni ghal prova tal-obbligazzjoni u c-cheque ghall-prova tal-hlas;
3. Illi ghandha ssir il-prova li d-danni gew kagunati watq li l-merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kustodja tal-istess socjeta' li rceviethom minghajr danni;
4. In-nuqqas ta' responsabbilita' a termini ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 kif emendati;
5. In-nuqqas ta' responsabbilita' a termini ta' l-artikolu 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti tal-Port;
6. Illi hija qdiet l-obbligi kollha skond il-ligi;
7. Illi l-ammont reklamat huwa eccessiv;
8. Illi ma hemmx imghax dovut;

9. L-infondatezza tat-talbiet li ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mis-socjeta' The Cargo Handling.

Rat in-nota tas-socjeta' Seamalta Co. Ltd tas-26 ta' Mejju 1998 li permezz taghha eccepiet:-
1. In-nuqqas ta' responsabbilita' billi ma saru ebda danni fil-merkanzija waqt li din kienet f'idejha.
2. Illi d-dannir reklamati ma jirrizultawx mit-tally sheet.
3. Il-klawsola tal-ezoneru.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-Seamalta.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju 1998 meta l-atturi gew ordnati jippresentaw il-provi taghhom permezz ta' affidavit u l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Novembru 1998 meta giet mahtura bhala assistent gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Mejju 2002 meta s-socjeta' Sea Malta irtirat t-tielet eccezzjoni taghha u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet tassikura merkanzija konsistenti f'numru ta' vetturi importati mis-socjeta' Michael Attard Limited li waslu Malta fit-13 ta' Awissu 1996 tramite l-bastiment M.V. Senglea tas-socjeta' Sea Malta Co. Ltd. Din il-merkanzija giet sbarkata minn abbord fit-13 ta' Awissu 1996 kif jidher mit-tally li inzamm

dak inhar minn rappresentant tas-Sea Malta. Meta din il-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta' Michael Attard Ltd irrizultaw diversi hsarat u nuqqasijiet li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici qua assikuratur kif ukoll hallset l-ispejjes tas-survey mehtieg.

Il-konvenuti t-tnejn qed jikkontendu li huma mhux responsabbli ghad-danni reklamati nkwantu dawn ma grawx tort taghhom izda se mai graw meta l-istess merkanzija kienet fil-kontroll u pussess tas-socjeta' konvenuta l-ohra. Il-kwistjoni ghalhekk li din il-Qorti trid tezamina hija f'liema stadju grat il-hsara jew avveraw in-nuqqasijiet.
Mit-tally sheet a fol 36 tal-process jirrizulta li meta l-vetturi nizlu minn abbord kien hemm xi vetturi Peugeot bil-wipers neqsin, kif ukoll kien hemm vettura numru TR091 li kellha "Front canvas torn" u l-vettura numru FT101 bir-"rear bumper damaged". Dan in-nuqqas u hsara ghalhekk certament irrizulta waqt li dawn il-vetturi kienu taht il-kontroll tal-bastiment tas-Sea Malta u konsewgentement din is-socjeta trid taghmel tajjeb ghal dan. Mis-survey report ta' Mark Micallef ma jirrizultax li kien hemm spiza sabiex tigi rimpjazzata xi "canvas" u lanqas li kien hemm xi bumper miksur. Jirrizulta izda li kien hemm tlett vetturi li kellhom il-wipers neqsin b'valur totali ta' LM29.10. Ta' dan trid taghmel tajjeb is-socjeta' Sea Malta.

Ir-rimanenti danni jirrizultaw li huma responsabbilita' tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd billi dak li hemm deskritt fil-Gate Pass Out li huwa d-dokument li juri l-merkanzija li tkun harget minn taht idejn din is-socjeta' u l-istat taghha, jikkombacja ezattament mar-rapport tas-surveyor Mark Micallef, u li konsegwentement juri li dawn in-nuqqasijiet u/jew hsarat graw waqt li l-vetturi kienu fil-pussess ta' din is-socjeta'. Dawn id-danni jammontaw ghas-somma ta' LM500.05.

Jinghad li waqt ix-xhieda issemmew erba' roti tal-aluminium ta' vettura li gew rimpjazzati b'ohrajn tal-hadid u "second hand" izda din il-partita ma tissemma xejn fir-rapport tas-surveyor u lanqas ma tifforma mertu ta' din il-kawza stante li l-valur ta' dawn ir-roti mhux reklamat.

Illi mil fuq espost u a bazi ta' diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati, jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti mhux gustifikati hlief ghall-apporzjonament tad-danni kif fuq inghad.

Illi dwar l-ispejjes tas-survey dawn huma dovuti lis-socjeta' attrici billi jirrapresentaw spejjes incidentali konsegwenza tal-"claim" u din qedha titlobhom f'isimha stess. Din li spiza trid tigi apporzjonata bejn il-konvenuti skond r-responsabbilita' rispettiva.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' Sea Malta billi din llum giet irtirata, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u konsewgentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co Ltd thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija disgha u ghoxrin lira maltin hamsa u ghoxrin centezimu (LM529.25) u tikkundanna lis-socjeta' Sea Malta o Ltd thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tlettin lira maltin u disghin centezimu (LM35.90) u f'kull kaz bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuti rispettivi.

L-ispejjes fic-cirkostanzi jithallsu kwantu ghal seba' partijiet minn mija (7%) mis-socjeta' Sea Malta Co Ltd u kwantu tlieta u disghin parti minn mija (93%) mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri.